MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Avviz Numru. 307/2011

**Jean Pierre Azzopardi**
**vs**
**Matthew Bajada**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-atttur fit-12 ta' Settembru 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna il-konvenut ihallsu is-somma li ma teccediex l-ammont ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tmenin Ewro centesmu (€ 11,646.87) rapprezentanti danni sofferti minnu kawza ta' xoghlijiet minnu esegwiti fuq inkarigu tieghu ossia l-installazzjoni ta' magna Mercruiser 5.7 litres V8 Petrol fid-dghajsa Bayliner 2252 Ciera Express bl-isem Registrat ta' 'Grazzja', liema xoghol sar bi traskuragni, imperizja u negligenza u nuqqas ta' hila u mhux skond is-sengha u l-arti u b'inadempjenza fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu u tal-inkarigu moghti.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data illi fiha gew esegwiti x-xoghlijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenutipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Ottubru 2011 fejn eccepixxa s-segwenti:-

"*1. Preliminarjament l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tiehu konjizzjoni tat-talba attrici billi din il-kawza titratta dwar valur incert jew indeterminat li skond **l-Artikolu 747** tal-Kap 12 jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata.*

*2. Subordinament u minghajr ebda pregudizzju ghal premess it-talba attrici ghandha tigi michuda stante illi ma huwiex assolutament minnu li l-konvenut esegwixxa x-xoghol fdat lilu mill-attur bi traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' hila u mhux skond is-sengha u l-arti u b'inadmepjenza fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, kif qed jigi allegat.*

*3. Illi l-konvenut esegwixxa l-inkarigu lilu moghti mill-attur b'hila u skont kif tirrikjedi l-arti u s-sengha u kull hsara li setghet giet kkagunata lill-magna Mercruiser mertu tal-kawza ma sehttix minhabba xi nuqqas tal-attur izda unikament b'tort u htija tal-attur, kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk ukoll, id-danni reklamati huma kontestati.*

*4. Sussidjarament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghall-hlas ta' imghax mid-data li fiha gew esegwiti x-xoghlijiet qed tigi wkoll rigettata stante illi din hi kawza fejn qed tintalab il-likwidazzjoni tad-danni, u hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li meta t-talba hi ghall-likwidazzjoni tad-danni, l-imghaxijiet jiddekorru biss minn dakinhar li d-danni jigu likwidati.*

*Salv eccezzjonijiet ohra."*

Semghet il-partijiet jitrattaw il-kawza fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni u dan fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2011 u dan limitatament dwar l-eccezzzjoni ta’ l-inkompetenza.

Rat in-noti prezentati mill-partijiet seduta stante nhar is-16 ta’ Dicembru 2011.

Ikkunsidrat.

F’din il-kawza l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu somma flus li ma teccedix is-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tmenin Ewro centesmu (€ 11,646.87) rapprezentanti danni li huwa sofra minhabba allegat xoghol hazin li sar mill-konvenut.

Il-kompetenza tal-Qorti Inferjuri hi regolata skond id-dixxiplina normattiva fl-**Artikolu 47** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. B'mod generali dik il-Qorti hi hekk kompetenti li "tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' Ewro 11,646.87" (subinciz 1) u li tiddeciedi wkoll "il-kawzi l-ohra kollha li l-Ligi espressament thalli ghaliha" (subinciz 2). L-unika limitazzjoni imposta fuqha mill-istess artikolu huwa dak mahsub fis-subinciz (3) tieghu u, cioe’, fejn "jidhlu kwestjonijiet dwar il-proprjeta` ta' beni immobbli, jew li ghandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, pizijiet jew drittijiet ohra mghaqqdin mal-beni immobbli, inkluza kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli, kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuna li joqghodu jew li ghandhom l-abitazzjoni ordinarja taghhom fil-limiti ta' gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti.” Dan, indipendentement mill-valur tat-talba.

F'materja ta' procediment civili d-domanda ghal kundanna generika tar-rizarciment tad-danni hi ta' valur li ma tistax teccedi l-massimu tal-kompetenza tal-Qorti adita u, allura l-Qorti ma tistax toltrapassi lanqas il-limitu ta' dak rikjest.

Biex tigi ffissata l-indoli tal-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-

fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Fi kliem iehor r-raguni guridika u l-'fundamentum agendi' tal-azzjoni u dak li hu "attualmente domandato" bhala oggett tac-citazzjoni.

Illi dwar il-kwistjoni ta' inkompetenza *rationae valoris* wiehed irid jirreferi ghall-artikolu 746 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in partikolari ghall-kaz *de quo* wiehed jirreferi ghall-Artikolu 748 li jiddisponi illi:

*"Il-valur ta' l-oggett fil-kawza hu, determinat mit-talba -*

*a. meta it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata;*
*b. meta it-talba hija ghal haga li l-valur taghha huwa determinat fit-titolu li jaghti kawza ghall-azzjoni jew b' xi kitba ohra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulhadd, jew bil-prezz korrenti."*

Illi dwar id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, is-sentenza "**Frankie Refalo vs Jason Azzopardi et"** (A.C. 7 ta; Ottubru 1997) sostniet li bhala regola *"il-kompetenza tal-Qorti hija determinata fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini tal-azzjoni attrici. Huwa l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u il-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-Qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha".* (vide anke f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija fis-27 ta' Marzu 2003 mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-ismijiet '**Woodline Ltd. vs Forsite Design & Project Management Services Ltd').**

Issa minn ezami tar-rikors promotur jirrizulta li l-pretensjoni ta' l-attur hija wahda determinata bil-valur u cioe' wahda li ma teccedix is-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta w erbghin Ewro u sebgha u tmenin Ewro centesmu (€ 11,646.87). Illi ghalhekk dak li giet mitluba taghmel il-Qorti u cioe' li tillikwida id-danni sofferti mill-attur huma limitati sa massimu ta' € 11,646.87 li huwa l-massimu ta' kompetenza b'valur cert li din il-Qorti tista' tillikwida. Issa kif gie ritenut f'sentenzi nostrana illi '*biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak illi*

*sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta.'* ('**Generoso Cutajar vs Emmanuele Cutajar',** Prim'Awla, deciza fit-22 ta' Ottubru 1953, '**George Muscat vs Carmelo Zammit'** Prim'Awla, deciza fis-26 ta' April 1961).

Tajjeb li jigi precizat ukoll li '*kompetenza ma tiddependix bilfors u unikament mit-talba tal-attur imma tista' tiddependi wkoll fejn ikun il-kaz mill-eccezzjoni tal-konvenut'* '**Oscar Busuttil noe vs Giuseppe Camilleri noe',** Prim'Awla, deciza fit-2 ta' Gunju 1952 u '**Margherita Rizzo vs Edgar Zahra'** Appell Sede Inferjuri, deciza fl-10 ta' Jannar 1953 u '**Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe'** Appell Sede Inferjuri, deciza fil-31 ta' Lulju 1966.

Issa f'dan il-kaz l-konvenut qatt ma jghid li l-ammont mitlub mill-attur sabiex jigi likwidat jista' talvolta jeccedi is-somma ta' Ewro 11,646.87 izda jghid u jillimita ruhu biss ghal fatt li mhux minnu li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza ghaliex fil-fehma tieghu l-ammont mhux determinat, pero' minn ezami tar-rikors jirrizulta li t-talba tal-attur fil-fatt fiha *caping* liema *caping* taqa' taht il-kompetenza ta' din il-Qorti kif kostruwita.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tordna il-prosegwiment tal-kawza.**

L-ispejjez ta' din is-sentenza parzjali jigu decizi fil-gudizzju finali taghha.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------